MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 249/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Mallia)**
**(Spt.R. Mercieca)**
**Vs**
**Anthony Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiskru l- istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe';

1) fil-lejl ta' bejn id- 29 u t- 30 ta' Dicembru 2006, f'Birkirkara, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe' hsara fuq vettura tal- marka Toyota Corolla bin- numru tar-registrazzjoni DAE 585, liema

hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad-dannu ta' Michael Micallef minn Birkirkara;

2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq, u cioe' hsara fuq vettura tal- marka Opel Kadett bin-numru tar-registrazzjoni AAF 638, liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu ta' Cedric Borg minn Birkirkara;

3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' stereo CD player tal-marka Kenwood bin-numru serjali mhux maghruf, li jiswa' madwar Lm80 minn go vettura tal- marka Fiat Uno bin-numru tar- registrazzjoni ABO 492, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Josianne Farrugia minn Birkirkara;

4) fl-istess data, lok, hin u cirkostnazi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe' hsara fuq vettura tal-marka Skoda Favorit bin-numru tar-registrazzjoni CAO 346, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (LM50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad- dannu ta' Sharon Scicluna minn Brikirkara;

5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe' hsara fuq vettura tal-marka Fiat 127 bin-numru tar-registrazzjoni AAC 076, liema hsara teccedi il-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500), ghad- dannu ta' Emmanuel Demicoli minn Birkirkara;

6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe hsara fuq vettura tal-marka Tata bin-numru tar-registrazzjoni CAG 431, liema hsara teccedi l-hamsin lira

Maltin (LM50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad- dannu ta’ Carmelo Gauci minn Birkirkara;

7) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe’ hsara fuq vettura tal-marka Morris Marina bin-numru tar-registrazzjoni RYN 185, liema hsara teccedi il-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad- dannu ta’ Emmanuel Dimech minn Birkirkara;

8) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe’ hsara fuq arblu tal-festa, liema hsara teccedi il-hamsin lira Maltin (Lm50) izda hija anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-dannu tal-Kollegjata Basilika ta’ Santa Liena ta’ Birkirkara;

9) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe’ hsara fuq vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni ABO 492, liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda hija inqas minn hamsin lira Maltin (Lm50) ghad-dannu ta’ Josianne Farrugia minn Birkirkara;

10) fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, permezz tal-hruq u cioe’ hsara fuq vetrina ta’ fond bin-numru 35, liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda hija anqas minn hamsin lira Maltin (Lm50), ghad- dannu ta’ Emmanuel Bezzina mill-Gharghur;

11) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’ atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe’ billi prova permezz tal-hruq jiddistruggi vettura tal-marka Fiat Uno bin- numru tar-registrazzjoni ABO 492, liema delitt ma giex esegwit

minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

12) fil- lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Dicembru 2006, u fil-jiem ta' qabel f' Birkirkara, kkommetta serq ta' stereo cassette player tal-marka Jensen bin-numru serjali 112612 li jiswa' madwar Lm80 minn go vettura tal- marka Vauxhall Nova bin-numru tar-registrazzjoni KAT 615, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad- dannu ta' Stefanie w Krassimir Andreinski mill-Mosta;

13) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'diversi lokalitajiet f'dawn il- Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

14) hu sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 325(1)(a), 261(f)9g), 270, 271(g), 279(a), 281(a)(b), 18, 325(1)(b)(c), 41, 325(1), 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 270, 271(g), 278(1)(2)93), 49, 50, 289, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tat-tmien, l-ghaxar, it-tlettax u l-erbatax akkuzi w ordnat lill-appellat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin. Ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sitt, is-seba', d-disa', l-hdax, it-tnax u l-erbatax akkuzi w ghaldaqstant illiberatu.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tikkancella s-sentenza appellata fil-kaz li tiddeciedi li s-sentenza hija wahda nulla w bla effett u konsegwentement tiddisponi minnha skond

il-ligi jew, fl-eventwalita' li din il-Qorti ma tilqax dina t-talba, allura tghaddi biex tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tat-tmien, l-ghaxar, it-tlettax u l-erbatax-il akkuzi w illiberatu mit-tnax il-akkuza, tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-appellat mill-kumplament tal-akkuzi kif ukoll dik il-parti fejn il-Qorti nfligiet il-piena w minflok isib lil-appellat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu :-
1. illi s-sentenza appellata hija wahda nulla peress li l-parti dispozittiva taghha hija wahda kontradittorja ghall-ahhar. Fil-fatt il-Qorti tghid li qeghda ssib htija fl-appellat ta' diversi imputazzjonijiet fosthom fl-erbatax-il akkuza. Wara l-Qorti ghaddiet biex illiberat l-appellat minn l-imputazzjonijiet l-ohra w illiberatu wkoll mill-erbatax-il akkuza. Din il-kontradizzjoni fl-ahhar parti krucjali tas-sentenza ghandha tirrendi s-sentenza nulla w bla effett;
2. illi l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha wara li nterpretat u applikat b'mod skorret l-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda dak li l-Avukat Generali jiddeskrivi bhala kontradizzjoni li tinsab fis-sentenza appellata w cioe' fejn, wara li l-Qorti qalet li kienet qed issib htija *inter alia* tal-erbghatax l-imputazzjoni [recte; addebitu tar-recidiva], fl-istess nifs qalet li ma kienetx qed issib htija ta' din l-imputazzjoni [recte: addebitu]. L-Avukat

Generali qed jikkontendi li dan ghandu jwassal ghal dikjarazzjoni li s-sentenza appellata hija nulla.

Bhala fatt l-Avukat Generali ghandu ragun li fis-sentenza appellata hemm kontradizzjoni manifesta dwar dan l-addebitu ghax fil-waqt li l-Ewwel Qorti l-ewwel qalet li qed issib lill-appellat hati tieghu, ftit versi ‘l isfel fl-istess paragrafu qalet l-oppost. Pero’ din il-Qorti ma tarax li dan l-izball ghandu jwassal ghan-nullita’ tas-sentenza, ghaliex bl-ebda mod ma jippekka kontra d-dispost tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Lanqas ma hu r-rizultat ta’ xi difett procedurali serju li jirrendi  l-proceduri w s-sentenza konsegwenzjali nulla. Se mai, dan l-izball jista’ jigi rettifikat minn din il-Qorti bhala Qorti t’ Appell b’ semplici varjazzjoni jew tibdil tas-sentenza appellata li jkun jirrispekkja dak li jirrizulta mill-atti processwali jew mill-istess konsiderazzjonijiet li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. F’ dan il-kaz l-Ewwel Qorti fil-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza w precizament fil-hames paragrafu mill-ahhar tas-sentenza kienet qalet li tirrizulta pruvata *inter alia* r-recidiva. B’ dana kollu fil-parti dizpozittiva tas-sentenza semmiet ir-recidiva bil-mod kontradittorju kif fuq intqal.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tara jekk mill-atti processwali kellux jew ma kellux jirrizulta l-addebitu tar-recidiva. Fil-fatt fl-udjenza tad-29 ta’ Marzu, 2007, (fol. 109) il-Prosekuzzjoni kienet esebiet zewg sentenzi w cioe’ wahda kontra Anthony Borg, iben Peter imwieled Birkirkara fil-21 ta’ Frar, 1983, li ggib id-data tas-17 ta’ Novembru, 1999 (Fol.  132 et seq.) u l-ohra kontra Anthony Borg ta’ sittax il-sena, bin Peter u Censina Cassar u joqghod ‘My Nest’ Triq San Giljan, Birkirkara, bin-numru tal-identita’ 260783 M, li ggib id-data tal-20 t’ Ottubru, 1999. (fol. 134 et seq.) Dawn il-konnotati kollha jaqblu ma dawk tal-appellat hlief ghall-indirizz li f’ din il-kawza gie indikat bhala “Numru 8, Triq Castelletti, Sliema”.

Fl-ewwel sentenza fuq imsemmija, l-hati kien gie misjub hati ta’ serq ta’ vettura, sewqan li wassal ghall-hsara involontarja, sewqan bla licenzja w minghajr kopertura ta’

assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi u bi speed eccessiv u gie kundannat LM350 multa w inibit milli jottjeni kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ sena wara li jaghalaq it-18 il-sena. Fit-tieni sentenza l-hati gie misjub hati ta’ serq ta’ vettura, serq ta’ batterija, ta’ hsara volontarja w ta’ tentattiv ta’ serq aggravat u gie kundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin. Dawn iz-zewg sentenzi jinsabu inkluzi fil-fedina penali tal-appellat odjern esebita fil-bidu tal-process (fol. 10 et seq.) u f’ dik aggornata esebita quddiem din il-Qorti fil-15 t’ Ottubru, 2009. B’ verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta’ Novembru, 2007, (fol. 257) id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella’ x-xhieda tal-identita’ rigward dawn is-sentenzi esebiti u cioe’ lill-ispetturi Dennis Theuma w Simon Galea. Ghalhekk ma hemmx kwistjoni dwar li l-appellat hu l-istess persuna li kienet giet issentenzjata fis-sentenzi esebiti.

Fil-waqt li ma hemmx dubju li l-appellat hu recidiv ghall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9, jibqa’ pero’ biex jigi verifikat il-periodu li fih gew kommessi r-reati ghall-fini tal-artikolu 50 tal-istess Kap.9. Hu ovvju li fiz-zewg sentenzi l-piena erogata kienet inqas minn hames snin prigunerija w ghalhekk biex ikun hemm ir-recidiva ghall-fini tal-artikiolu 50 irid jirrizulta li r-reati mertu tal-kawza odjerna gew kommessi fi zmien hames snin minn dak in-nhar li l-hati jkun skonta l-piena jew minn meta l-piena tkun giet mahfura.

Issa r-reati addebitati lill-appellat f’ din il-kawza gew allegatament kommessi fil-lejl ta’ bejn id-29 u 30 ta’ Dicembru, 2006, li ovvjament hi data aktar il-boghod minn hames snin mid-dati tas-sentenzi precedenti rispettivi. Fil-kaz tas-sentenza tas-17 ta’ Novembru, 1999, fejn il-kundanna kienet wahda ta’ multa li ma jirrizultax meta thallset, ma hemmx il-prova li l-periodu ta’ hames snin ma kienx ghadda w ghalhekk l-artikolu 50 zgur ma japplikax fil-konfront taghha.

Fil-kaz tas-sentenza tal-20 ta’ Ottubru, 1999 fejn kienet inghatat sentenza ta’ sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin, l-artikolu 28A (5A) tal-Kap.9 jipprovdi li, minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu

28F, il-piena moghtija f' sentenza sospiza meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh ghandha, ghall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun giet skontata ma' l-iskadenza tal-periodu operattiv originali msemmi fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A jew tal-periodu operattiv maghmul minfloku kif provdut fl-artikolu 28B (2) (b).

Ghalhekk il-piena erogata fis-sentenza sospiza tal-20 t' Ottubru, 1999 ghandha titqies li giet skontata erba snin wara dik id-data w cioe' fl-20 t' Ottubru, 2003. Kwindi ma kienux ghaddew aktar minn hames snin minn din id-data meta gew kommessi r-reati mertu ta' din il-kawza f' Dicembru, 2006 w ghalhekk tissusisti r-recidiva skond l-artikolu 50 fil-kaz ta' din is-sentenza.

Ghalhekk l-appellat hu recidiv kemm skond l-artikolu 49 ghall-fini tas-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1999 kif ukoll skond l-artikolu 50 ghall-fini tas-sentenza tal-20 t' Ottubru, 1999. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali hu ben fondat f' dan is-sens imma dan jaghti lok biss ghall-varjazzjoni tas-sentenza w mhux li din tigi annullata.

Ikkonsidrat

Illi t-tieni aggravju ta' l-Avukat Generali huwa wiehed ta' natura legali w jirrigwarda l-applikazzjoni hazina tal-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Ewwel Qorti minghajr ma dahlet fil-mertu tal-akkuzi illiberat lill-appellat mill-akkuzi kollha ta' danni volontarji biss fuq konsiderazzjoni ta' natura legali. Dik il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Valentine Sciberras"** [11.1.2007] biex ibbazat id-decizjoni taghha li tillibera lill-appellat. Di fatti in bazi ta' din is-sentenza qalet li ladarba l-hsara qed jigi allegat li saret bhala rizultat t' incendju mqabbad mill-appellat, allura l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-artikolu 325 bhala l-artikolu li tahtu setghet tinstab htija. Konsegwentement lanqas l-Ewwel Qorti ma setghet tibbaza l-htija tal-appellat fuq dan l-artikolu. Fis-sentenza ta' Sciberras kienet saret ukoll riferenza ghal sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs.**

**Mark Mizzi "** [ 11.5.2206], li ghaliha ghamlet ukoll referenza estensiva l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Issa fis-sentenza ta' **Sciberras** li fiha hemm ukoll citat il-bran mis-sentenza ta' **Mizzi fejn** kien intqal testwalment hekk :-

*"… l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b' artikoli ohra tal-ligi , senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.*

*"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi **spluzzjoni** doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel **sustanza esplussiva** (art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi **mezz letali** u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred **materjal nukleari** li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti **n-nar** jew b' xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315) ; dak ta' min **jaghti n-nar lil dar , mahzen hanut , dar t' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq** (art. 316); dak ta' min volontarjament **jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc**. (art.*

*317); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa*** *(art. 318) dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili****, ecc. (art. 319); dak ta'* ***espluzzjoni ta' mina*** *(art. 320); dawk ta'* ***wiri ta' dwal foloz*** *b' perikolu ghan-navigazzjoni u* ***qtugh ta' ktajjen*** *(art. 321, 322 u 323).*

*"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-*

*"(1) Kull min,b'mezzi xort' ohra minn dawk imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jehel meta jinsab hati…."*

Ikkonsidrat;

Illi pero', kif qalet l-Ewwel Qorti stess fis-sentenza appellata, s-sentenzi ta' **Sciberras** u **Mizzi** ma dahlux espressament fil-punt in kwistjoni w cioe' jekk il-hruq ta' vettura huwiex reat skond l-art. 325. L-Ewwel Qorti gibdet konkluzzjoni korollarja w qalet li l-argumenti hemm sollevati ma jhallu ebda dubju fil-mohh taghha li, biex jigi applikat b'success l-artikolu 325 tal-Kap.9, il-hsara volontarja trid issir b' mezz xort' ohra minn dawk indikati fl-artikoli precedenti, inkluz il-hruq. Ghalhekk ikkonkludiet li galadarba ma gie indikat ebda artikolu iehor mill-Avukat Generali – ghax tali artikolu ma jezistix – ma tistax tinstab htija ghall-hruq ta' vetturi.

Illi bid-dovut rispett ghall-konkluzzjoni korollarja li gibdet l-Ewwel Qorti f' dan il-kaz, mkien ma intqal f' dawn iz-zewg sentenzi ta' **Sciberras** u ta' **Mizzi** li jekk il-hsara issir per

mezz ta' incendju imma fuq proprjeta jew oggetti mhux imsemmija fl-artikoli 313 sa 323, allura tali fatti ma jkunux jikkostitwixxu r-reat kontemplat fl-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti d-dispozizzjoni residwali kontenuta fl-artikolu 325 ma tista' qatt tigi interpretata restrittivament b' mod li teskludi mill-elementi kostituttivi ta' dak ir-reat ta' hsarat volontarji, kazi ta' hruq kommessi fuq oggetti li ma jkunux inkluzi bhala l-oggett tar-reat fl-artikoli 315 sa 319 tal-Kodici Kriminali. Kieku l-ligi kellha tigi interpretata b' dan il-mod, naqghu fis-sitwazzjoni assurda li danni volontarji li jkunu l-konsegwenza tal-incendju tal-oggetti kollha patrimonjali li ma jissemmewx espressament f' dawn l-artikoli appena citati jkun immuni w ezenti  mis-sanzjoni penali. Li ried il-leglislatur kien li fejn l-oggett u/jew il-post tal-hruq ikun wiehed minn dawk imsemmija f' dawn l-artikoli, minnhabba l-entita' tad-dannu emergenti w l-perikolu *'to life and limb'* eventwali konness ma dawn l-oggetti w postijiet, ikun hemm piena akbar minn dawk ta' kazijiet ta' hruq ta' oggetti ohra w cioe' mill-piena erogabbli fid-dispozizzjoni residwali kontenuta fl-artikolu 325. Di fatti, jekk wiehed jikkompara l-piena massima erogabbli ghar-reat kontemplat f' dan l-ahhar artikolu, isib li din hija ferm inqas mill-piena massima ta' ghomor il-habs kontemplata fl-art. 315, 316 u 317 u l-piena minima hija ukoll inqas minn dik kontemplata fl-artikoli 318 u 319.

Fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti il-frazi "*b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dan ta' dan is-sub-titolu*" ghandha tiftiehem mhux biss ghall-metodu adoperat (ossia l-hruq) imma wkoll (u flimkien ma) ghall-oggett jew effetti patrimonjali li jkunu l-mira jew it-*target* ta' dak il-hruq. Kwindi fejn ghalkemm il-mod kif jigi kagunat id-dannu jkun l-incendju, l-oggett danneggjat ikun differenti minn dawk imsemmija tassattivament fl-artikoli 315 sa 319, tkun dejjem applikabbli d-dispozizzjoni residwali kontenuta fl-artikolu 325.

Li kien invece gie deciz fis-sentenzi ta' din il-Qorti citati mill-Ewwel Qorti kien li fejn kemm il-mod (il-hruq) u l-

oggett/jew lok moghti l-hruq ikun wiehed minn dawk imsemmija f' dawk l-artikoli, l-akkuza ghandha tigi dedotta taht xi wiehed minn dawk l-artikoli ghax il-fatti jkunu jaghtu lok ghall-prosekuzzjoni taht xi wiehed minn dawk l-artikoli specifici (fejn hemm pieni aktar gravi ghal reati aktar serji) w allura mhux taht id-dispozizzjoni residwali tal-artikolu 325.

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali fuq il-punt legali jidher ben fondat u qed jigi milqugh.

Irid issa jigi ezaminat jekk mill-atti processwali jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet li minnhom l-appellat gie liberat ghal din ir-raguni w cioe' interpretazzjoni w applikazzjoni hazina tal-ligi.

Illi mill-ezami akkurat tal-provi traskritti, ghalkemm l-appellat cahad l-akkuzi w l-addebitu kollha dedotti kontra tieghu fl-istqarrija tieghu a fol. 39 et seq tal-process, hemm sensiela ta' provi diretti w provi indiretti jew indizjarji w cirkostanzjali li jorbtu b' mod sod lill-appellat mal-akkadut dak il-lejl tad-29/30 ta' Dicembru, 2006, go Birkirkara w l-agwati.

Jidher li l-appellat li, f'xi hin tal-lejla tad-29 ta' Dicembru kien qed jixrob fil-kazin tal-Banda ta' Birkirkara maghruf ukoll bhala "Tal-Bagri", aktar tard spicca bil-karozza misjuqa minnu Wolks Wagen Polo numru IAT 473 fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Liena. Hemm gie identifikat pozittivament b' certezza ta' ***"mija fil-mija"*** mix-xhud Roxanne Scicluna (ara fol. 64). Dak il-hin meta hi kienet qed tirrinkaza ghall-habta tas-1.15 am, l-appellat, li x-xhud kienet ghadha kif ratu ftit qabel gol-kazin tal-Banda fejn kienet hi wkoll, kien gol-karozza ta' ommha Skoda bajda, numru CAO 346, baxx fuq is-seat tal-passiggier. Dak il-hin hi ddecidiet li tidhol tigri d-dar u tavvza lil tad-dar x' kien qed jigri w qajjmet lill-ohtha Luana Scicluna, lill-ommha Sharon u lill-*partner* taghha Charles Borg, biex jaraw x' kien qed jigri. Xirfu fil-gallarija u sa dak il-hin ma rawx nar fil-karozza ta' ommha Skoda w l-appellat deher hdejn karozza hamra u x'hin ra lilhom qiesu nhasad u hareg mill-karozza l-hamra w mar fil-

karozza tieghu bajda w saq minn fuq il-post bi *speed* qiesu qed jahrab. Dak il-hin hi w ohtha nnutaw li l-car t'ommhom kienet bdiet taqbad. Nizel ukoll u hareg il-*partner* t' ommha Charles Borg li, meta ra l-car sejra, qalilhom *"Dak il-Hassi?"* u Luana, li wkoll ftit qabel kienet ratu fil-kazin, qaltlu iva.

L-incendju tal-vetturi fil-pjazza tal-Knisja kompla jizviluppa sakemm Borg nizel l-ghassa w l-karozza ta' Sharon Scicluna ipparkjatha bejn zewg vetturi w cioe' Opel Kadett numru AAF 638 ta' Cedric Borg (indikata bl-ittra A fl-sketch tal-espert Profs. Vella) u Toyota Corolla numru DAE 585 ta' Michael Micallef (indikata bl-ittra C fl-istess sketch), nharqet kompletament. Iz-zewg vetturi l-ohra sofrew hsarat minhabba n-nirien li hakmu l-Iskoda. Kif jidher mill-iskizz anness mar-Relazzjoni tal-espert tal-Qorti l-Professur Alfred Vella (Fol. 172) vicin hafna ta' dawn it-tlitt vetturi kien hemm ipparkatha ukoll fil-pozizzjoni D Fiat Uno numru ABO 492, li minnha rrizulta li dak il-lejl kien insteraq CD player tad-ditta Kenwood u fuq is-seats ta' quddiem instab xugaman u hafna suffarini nofshom mahruqin u z-zewg nofsijiet ta' kaxxa suffarini separati minn xulxin. Fid-drapp tax-xugaman fuq is-seat tal-passiggier kien hemm ukoll toqba mahruqa ta' diametru ta' madwar 10 centemetru (ara fol. 181) tal-istess relazzjoni. Dawn is-suffarini ma kienux ta' sid il-Fiat, cioe' Josianne Farrugia. Kollox jindika li kien ghadu kif sar tentattiv li pero' falla, biex tigi incendjata din il-Fiat ukoll.

Ftit tal-minuti wara li gew infurmati bl-incendju tal-karozzi gol-pjazza ta' quddiem il-Knisja, l-Pulizija ta' Birkirkara gew infurmati li wara l-Knisja, go Triq is-Santwarju, xi 500 metru boghod, kien hemm incendju iehor f' karozza Fiat 127 numru AAC 076 li nharqet kompletament. Hdejn dil-karozza kien hemm zewg vetturi ohra w cioe' vettura Tata Telcoline bajda numru CAG 431 u Morris Marina celesti numru RYN 185. Dawn ukoll sofrew hsara b' rizultat tan-nirien li hakmu l-Fiat 127. Inoltre, fuq il-*floorboard* tal-Morris Marina l-espert Professur Vella osserva li kien hemm ammont ta' karti tal-gazzetti li kienu parzjalment mahruqin. Instabet ukoll karozza Vauxhall Nova numru KAT 615 li, ghalkemm ma kellhiex hsarat, kellha l-hgiega

mnizzla w nstabet lighter fuq is-seat tan-naha tal-passiggier. Minnha nsteraq l-istereo tal-marka Jensen bis-serial number 112612, li aktar tard dak il-lejl instab ghand l-appellat fil-*luggage booth* tal-car tieghu numru IAT 473 (ara fotografiji CP 3,4 u 5).

Kif issottometta l-espert tal-Qorti, l-Professur Vella, l-*modus operandi* li ntuza f' dawn l-incidenti kollha kien jindika li dawn l-atti ta' serq ta' stereos u/jew incendju jew tentattivi ta' incendju ta' vetturi kienu saru mill-istess persuna. Fil-waqt li fil-kaz tal-ewwel erba vetturi kien hemm identifikazzjoni pozittiva, certa w diretta tal-prezenza go tnejn mill-karozzi tal-appellat mix-xhud Roxanne Scicluna li addirittura ratu gol-karozza Skoda ta' ommha qabel marret *"to raise the alarm"* u li flimkien ma ohta Luana w Charles Borg ftit tas-sekondi wara rawh johrog mill-karozza Fiat Uno hamra li wara rrizulta li kienet in-numru ABO 492 (Foto CP 13, 18, 21 u 22) li kif gja ntqal minnha insteraq stereo Kenwood ghad-dannu ta' sidha Josianne Farrugia w li fuqha sar tentattiv ta' hruq ukoll, u jsuq minn hemm bi speed go car bajda. Inoltre l-stereo Jensen li nsteraq mill-car Vauxhall Nova KAT 615 (li kienet vicin it-tlitt vetturi l-ohra li jew inharqu jew gew danneggjati bin-nar) ghad-dannu ta' sidha Stephania Andreinski nstab ghand l-appellat ftit tal-hin wara kif fuq intqal.

Dawn il-provi diretti w indizjarji fil-fehma ta' din il-Qorti jorbtu lill-appellat ma dawn ir-reati li sehhew kollha fl-istess lejl, bi ftit minuti differenza bejn wiehed u l-iehor u fl-istess agwati. Din il-Qorti tinsab moralment certa li kien l-appellat li kien responsabbli ghalihom kollha. Ghalkemm hu qal mal-Pulizija li kien ilu li rrinkaza dak il-lejl, il-fatt li l-Pulizija sabu l-car tieghu IAT 473 ghadha shuna meta marru ghandu fis-sieghat bikrin tat-30 ta' Dicembru, 2006, jindika xort' ohra. Inoltre l-ispjegazzjoni li hu ta ghall-pussess tal-istereo misruq minn wahda mill-vetturi li nstab ghandu fl-istqarrija tieghu (fol. 40) hija wahda ghal kollox mhux attendibbli. L-istess hija ferm fjakka w stirakkjata l-insinwazzjoni li hu ghamel fil-konfront ta' Charles Borg biex jipprova jnaqqas il-valur tal-identifikazzjoni diretta w

pozittiva li saret minn Roxanne Scicluna li tigi bint il-*partner* ta’ dan Charles Borg.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti jirrizulta sal-grad tac-certezza morali li l-appellat kien responsabbli ghad-danni volontarji kollha w serq minn karozzi li jissemmew fl-imputazzjonijiet diversi dedotti kontra tieghu w li saru fil-lejl in kwistjoni fl-istess zona u bi ftit tal-hin biss jissepara wiehed mill-iehor, sia pure li l-Ewwel Qorti, fil-kaz tal-istereo Jensen jidher li sabitu hati biss ta’ ricettazzjoni. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher ben fondat ukoll fil-mertu w qed jigi milqugh.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li rrizulta r-reat kontinwat ta’ danni volontarji taht l-artikolu 325(a) mill-inqas f’zewg kazijiet. Ghalhekk il-piena ghal dan ir-reat b’zieda ta’ zewg gradi ghar-reat kontinwat tkun ta’ wahda minn sentejn sa sitt snin. Inoltre, b’zieda fakultattiva ta’ grad iehor minhabba r-recidiva, l-piena tkun minn wahda minima ta’ tlett snin prigunerija ghal wahda massima ta’ disa’ snin prigunerija, w dana minghajr ma wiehed iqies xi zieda ohra fil-piena minhabba l-konkors ta’ dawn ir-reati mar-reati l-ohra li taghhom l-appellat qed jinstab hati b’din is-sentenza.

Illi certament li mhux applikabbli l-provvediment tas-sentenza sospiza f’dan il-kaz skond l-artikolu 28A(7)(b) u lanqas, fil-fehma ta’ din il-Qorti, konsidrata l-fedina penali tal-appellat, ma hu l-kaz li jigi applikat xi provvediment taht il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ewwel lok l-appellat wettaq herba shiha w danni f’ mill-inqas seba’ vetturi jew bil-hruq fuqhom dirett jew bhala bhala *“collateral damage”* jew bl-isgass taghhom. Holoq konflagrazzjoni go toroq u ambjenti abitati fil-hin tal-lejl u holoq allarm socjali w paniku w problema ghall-iskwadri tal-pompieri tal-Protezzjoni Civili li kellhom jitfu nirien li faqqghu f’ diversi postijiet f’ daqqa. Dawn huma reati serjissimi li ghalihom il-Qrati ghandhom jerogaw pieni karcerarji bla ebda ezitazzjoni.

Umbaghad il-fedina penali hi wahda mill-aktar refrattarji. Di fatti l-appellat, li ghandu sitta w ghoxrin (26) sena, llum diga’ nstab hati mill-Qrati disgha darbiet ta’ reati li jvarjaw minn sensiela ta’ serq aggravat ta’ vetturi, hsarat volontarji tal-istess vetturi, sewqan bla licenzja w bla insurance, diversi incidenti ta’ glied, ksur tal-buon ordni w theddid ta’ persuni ohra, inkluzi membri tal-Korp tal-Pulizija, pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis kif ukoll w ta’ tenattiv ta’ serq aggravat. Instab ukoll hati li kkommetta reati tul il-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza. B’ dana kollu, inspjegabbilment, dejjem gie trattat bl-ingwanti mill-Qrati li tawh opportunita’ wahda wara l-ohra biex forsi jirriforma. Apparti xi multa ‘l hawn u ‘l hinn, dejjem inghata jew liberazzjoni kondizzjionata jew sentenzi sospizi jew estensjonijiet ta’ sentenzi sospizi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tat-tmin, l-ghaxar u t-tlettax imputazzjoni w tal-addebitu tar-recidiva kemm skond l-artikolu 49 kif ukoll l-artikolu 50 tal-Kodici Krminali w fejn illiberatu mit-tnax il-akkuza w tirrevokaha fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba’ l-hames, is-sitt, is-seba’, d-disa’, w il-hdax l-imputazzjoni u fejn (ovvjament bi zball jew b’ kontradizzjoni manifesta) ma sabitux hati tal-erbatax il-addebitu tar-recidiva, kif ukoll fejn ordnat li l-appellat jitpogga taht probation ghal zmien tlitt snin u minnflok issibu hati ukoll ta’ dawn l-imputazzjonijiet u addebiti kollha w, wara li rat l-artikolu 17 (b) 18, 23, 31, 41, 49, 50, 261(f) (g), 263, 264, 265, 269, 270, 271 (g), 278 (1)(2)(3) 279(a), 280 , 281(a)(b), 289, 325 (1) (a) (b) (c) u 334, tikkundanna lill-appellat recidiv ghall-piena ta’ sitt (6) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------